**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 1479** **11.07.2013**

## AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li l-prodotti hawn taħt imsemmija ma għandhomx jiġu ikkunsmati minħabba li nstab li ġew irradjati fi stabbilimenti possibilment mhux approvati skont id-Direttivi 1999/2/KE u 1999/3/KE.

| | | |
|---|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | Vitamin B Complex | Kelp (Iodine) Food Supplement |
| **Ditta:** | BTN | Health Aid |
| **Produttur:** | BioTech, USA | Health Aid Ltd., England |
| **Kontenut:** | 60 kapsula | 240 pillola |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | Bott tal-plastik | Bott tal-ħġieġ ġo kaxxa tal-kartun |
| **Data ta' Durabilità:** | Feb-14 | 01/2105 |
| **Numru tal-lott:** | 176098 | B.N. 1701H |







Il-Kumpaniji nvoluti ġew obbligati jirtiraw dawn il-prodotti mis-suq, iżda peress li rrapurtaw li l-konsenji ma ngabrux kollha, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.